MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-18 ta' Frar, 2015

Appell Kriminali Numru. 448/2012

Il-Pulizija

(Spettur Stephen Mallia)

vs

**Brian Pace**

iben Saviour, imwieled Pieta', fis-7 ta' Awwissu, 1978, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 377378(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Brian Pace quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli fid-29 ta' Awwissu, 2004, ghal habta ta' bejn it-tlieta u kwart u l-erba' u kwart ta' wara nofs inhar , fl-inhawi tal-Bajja ta' San Tumas f' Marsaskala, u f'inhawi differenti f'dawn

il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' CD player tal-marka 'Clarion' bin-numru serjali 0030970, u ta' magna fotografika ta' marka u valur mhux maghrufa, minn go vettura tal-marka Skoda Fabia bin-numru tar-registrazzjoni KJR 002, liema serq hu kkwalifikat, bil-mezz, bil-valur li jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin Euro u tlieta u disghin centezmu €232.93 (Lm100), u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Roderick Spiteri u Joseph Spiteri miz-Zejtun;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hi ta' izjed minn mija u sittax-il Euro u sitta u erbghin centezmu (€116.46) (Lm50) izda anqas minn elf mija u erba' u sittin Euro u tmienja u sittin centezmu (€1164.68) (Lm500), u cioe' fl-istess vettura tal-marka Skoda Fabia bin-numru tar-registrazzjoni KJR 002, ghad-detriment ta' Roderick Spiteri u Joseph Spiteri miz-Zejtun;

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom ;

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi , malli sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta hekk sar jaf ;

5. Sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Settembru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat
l-artikoli 261(b)(c)(g), 263(a), 264, 265, 267, 271(g),278(1)(2)(3), 279(a), 280(1) ,325(1)(b),49, 50, 289, 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u ikkundannatu tmintax(18)-il xahar prigunerija. Stante li t-tielet (3) u ir-raba' (4) imputazzjoni nghataw bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-imputazzjonijiet.

B'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti kkundannat lill-imputat sabiex sa zmien xahar (1) minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' disa' mija u tmienja u sebghin ewro u sitta u tletin ewro centezmi (€978.36) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Brian Pace fl-10 ta' Ottubru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha

tirrevoka s-sentenza fuq indikata tat-28 ta' Settembru 2012 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u billi tillibera l-appellant mill-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu u minghajr pregudizzju fil-kaz li din l-Onorabbli Qorti tikkonferma s-sentenza hawn fuq indikata tirriforma l-piena ghal wahda aktar gust u ekwa.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Illi mil-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jirrizulta, wara li kien gie mahtur espert sabiex isir ezami komparattiv mal-lifters li gew elevati minn fuq ix-xena tad-delitt, li kien hemm qbil pozittiv tal-marka tas-saba z-zghir ta' l-id ix-xelluqija ta' l-esponent. Dan il-fatt mhux qed jigi kontestat pero' l-Ewwel Qorti bir-rispett kollu ma haditx in konsidarazzjoni l-fatt li l-esponent kien jaf lill-vittma personalment u anke sahansitra rikeb fil-karozza tieghu kif gie ddikjarat fl-istqarrija ta' l-esponent. Barra minn hekk wiehed ghandu jinnota l-fatt li l-impronti li gew elevati mill-karozza kienu mehuda minn fuq il-bieba tal-karozza jigifieri min fuq in-naha ta' barra specifikament min fejn tinfetah il-bieba u ghalhekk din l-impronta setghet facilment baqghet hemmhekk min meta l-esponent rikeb fil-karozza ta' Roderick Spiteri.

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jirrizulta wkoll, wara r-rapport ta' l-espert serologista Dr. Marisa Cassar, li "l-orofil genetiku parzjali li hareg mill-kampjun 01 ma jistax jigi eskluz li jaqbel mal-profit genetiku ta' Brian Pace ... ". Illi din id-dikjarazzjoni tqanqal dubju u hija vaga hafna ghaliex ma giex konfermat li l-kampjun jaqbel mal-profil ta' l-esponent fl-intier tieghu, izda biss li ma jistax jigi eskluz.

Illi bla pregududizzju ghas-suespost l-esponent instab hati taht l-artikolu 267 tal-Kodici Kriminali, liema akkuza ma tissustix dan ghaliex l-artikolu 267 jistabilixxi li "is-serq huwa ikkwalifikat bil- "valur", meta l-haga misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbqtia u disgnin centezmu (€232.94)." Ma jirrizulta mill-ebda prova li CD player u l-hsarat li saru fuq il-karozza jaqbzu din il-figura u dan ghaliex ma gie ezebit l-ebda forma ta' prova dokumentata ta' l-ispejjez sofferti mill-vittma. Il-vittma waqt ix-xhieda tieghu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti iddikjara, "nahseb il-karozza xi mitejn lira ... u l-istereo xi mija u hamsin lira maltin". Illi bir-rispett kollu sabiex wiehed jinstab hati ta' serq li huwa kkwalifikat bil-valur, tal- valur ghandu jigi pruvat b'mod sodisfacenti.

Illi mandankollu, bla pregudizzju ghas-suespost il-piena hija wahda ezagerata u mhux ekwa ghar-reat li gie misjub hati u fic-cirkostanzi tal-kaz, specjalment ghal hlas tal-ispejjez tal-kawza quddiem l-Ewwel Qorti u dan ghaliex l-esponent qieghed jistenna tarbija fil-vicin u qieghed jiggieled mall-vizzju ikrah tad-droga. Ghalhekk l-hlas tal-ispejjez tal-kawza quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti ser tikkawzalu problemi kbar u sahansitra ser ikun anke danni ghat-tarbija tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt li l-appellant u il-vittma kienu jafu lil xulxin. Mhux hekk biss, izda l-appellant kien riekeb ma l-vittma aktar minn darba. Dan il-fatt jirrizulta biss mit-tieni stqarrija tal-appellant. Min imkien iehor ma jirrizulta dan il-fatt. Sahansitra, waqt ix-xhieda tal-vittma, Roderick Spiteri, ma sar ebda accenn ghal dan il-fatt. Ghalhekk, l-iskuza li l-marka tas-sebgha z-zghir ta' l-id ix-xelluqija tal-appellant instab fuq il-karozza ghaliex hu kien midhla ta' din l-istess karozza ma taghmel ebda sens.

It-tieni aggravju jirrigwarda r-rapport tad-DNA. Din il-Qorti hi tal-fehma li kif gie redatt ir-rapport ihalli dubji serji jekk id-DNA misjub gol-karozza kien effettivament dak ta' l-appellant. Hawnhekk, il-prova trid tkun wahda cara u univoka u dan mhux il-fatt.

It-tielet aggravju jirrigwarda l-aggravju tal-valur. Din il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti dwar dan il-punt u kwalunkwe kumment iehor hu zejjed.

Illi dwar il-piena, ghandu jigi rilevat li l-kawza bdiet erba' snin wara li sehh l-incident u mill-kaz sal-lum ghaddew kwazi hdax il-sena. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ser tiehu dan il-fatt in konsiderazzjoni.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma s-sentenza appellata ghajr il-piena. Dwar il-piena thassar u tirrevoka s-sentenza nflitta mill-ewwel Qorti ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija u minflok tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' erbatax (14) il-xahar prigunerija.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------